**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-vs-**

**Adolph Baldacchino, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 0339973M**

*Kumpilazzjoni Nru. 725/2021*

Illum: 9 ta' April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Adolph Baldacchino** u ċioè talli:

> Nhar it- 13 t' Ottubru 2021 ġewwa Zonqor View, FL.8, Triq Għar ix-Xama', Marsaskala:
>
> *1.* Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lis-Sieb tiegħu w cioe' ***Alana-Jane Camilleri.***
>
> U iktar talli nhar il- 25 t'Ottubru 2021 u fil-granit ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa Marsaskala u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu, u cioe' ***Alana-Jane Camilleri;***

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band 'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat , inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

4. Barra min dan, l-imputat Adolph Baldacchino huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' ***Alana-Jane Camilleri*** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ***Adolph Baldacchino*** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmi ***Adolph Baldacchino*** sabiex iħallas l-spejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-12 ta' Marzu, 2024.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Illi matul is-seduta tad-9 ta' April, 2024, xehdet l-allegata vittma li bil-ġurament tagħha quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta xehdet li riedet twaqqaf il-proċeduri fil-konfront tal-imputat. Minkejja li l-Qorti wissietha li ma setgħet timponi l-ebda trażżin fuq l-imputat kemm il-darba ma jkunx hemm sejbien ta' ħtija l-kwerelanta kienet determinata li ma tixhidx peress li llum il-ġurnata qed tgħix ħajja ġdida l-bogħod mill-ex sieħeb tagħha.

Ġaladarba il-kwerela tal-allegata vittma ġiet irtirata minnha, l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat għat-tieni u għat-tielet imputazzjoni ma baqgħetx aktar prosegwibbli. L-artikolu 545 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **545.** (1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.

Illi fin-nuqqas tax-xiehda tal-kwerelanta l-ewwel u r-raba imputazzjoni ma jistgħux jiġu soddisfaċentement ippruvati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija w piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**